# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **April 1938** **Għadd 86**

**1d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl — Il-Belt.

# RIGALI SBIEH U RHAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis ? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba atigħha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom : *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

ARPIL 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 86

## IL-MALTI FIL-QORTI

Meta l-Gvern daħħal il-Malti fil-Qorti ma għamelx ħlief biċċa liġi, liġi nieqsa, liġi li ma tistâx tilħaq u tasal sa fejn għandha tasal. Fi kliem ieħor, il-Gvern daħħal il-Malti fil-kitba tal-Qorti iżda xejn ma ħaseb biex il-kitba tal-Malti fil-Qorti tkun kif jitlob il-ġieħ tal-Malti, il-ġieħ tan-nies tal-Qorti, il-ġieħ tal-Liġi. Jaf kulħadd li n-nies tal-Qorti mhumiex l-akbar ħbieb tal-Malti; barra minn dan qatt ma kellhom l-ebda tħarriġ fil-kitba tal-Malti; mhux biss, imma l-Ilsien Taljan hu magħġun ħaġa waħda ma' ruħhom. Għalhekk il-Qorti hu l-imkien tal-akbar tfixkil għall-Malti. U dan sata' jobsru kulħadd, Għaddew kemm-il sena u dan it-tfixkil xejn ma naqas. Ġol-Qorti tnissel ilsien ġdid li la hu Malti l-anqas hu Taljan, iżda taħlita mħawwda ta' Malti u Taljan, imħawwra b'ortografija mgerfxa mill-aktar. Kotra ta' kliem Taljan miżjud b'xi ittra biex isir jaqbel mal-Grammatka tal-Malti, kliem ieħor Taljan *safi*, *safi* miktub la Taljana; u xi ftit kliem Malti miktub b'ortografija ħażina: dan hu l-ilsien ġdid li tnissel ġol-Qorti u li fuqu għad iridu jħabbtu moħħom il-għorrief tas-seklu tletin, aktar milli ħabbtu moħħom għorrief oħra biex jaqraw il-ġeroljifiċi tal-Eġittu jew il-kunej-formi tal-Assirja !

Dan hu għajb kbir għall-għerf ta' żmienna; għajb kbir għall-ġieħ tal-Qorti ! Liema Avukat għandu l-wiċċ iressaq quddiem imħallef kitba miktuba minnu bl-Ingliż jew bit-Taljan imma b'ħafna żbalji tal-Grammatka u ta' *spelling*

u b'ħafna kliem bi lsien ieħor bla ma hu meħtieġ ? U liema Imħallef sa jilqa' kitba bħal din ? Ħadd. Għaliex ? Għax hekk jitlob il-ġieħ tal-Qorti. Tajjeb. Imma l-ġieħ tal-Qorti qiegħed dejjem hemm; ma jitħarrekx minn hemm bħalma ma jitħarrekx minn hemm il-Ħaqq. Jitbiddlu ż-żmenijiet, jitbiddlu l-liġijiet, jitbiddlu l-ilsna, imma l-ġieħ tal-Qorti ma jitbiddel qatt. Għalhekk ma nistgħux nifhmu l-għala fil kitba tal-Malti għandu jkun dan-nuqqas ta' reqqa, mita r-reqqa tal-kitba hi marbuta mal-ġieħ tal Qorti, tal-Liġi, tal-Ħaqq.

Barra mill-ġieħ lejn il-Qorti hemm fin-nofs l-interessi tal-Maltin. Il-Malti daħal fil-Qorti għall-ġid tal-kotra tal-Maltin li ma jafux ħlief bil-Malti. U l-kawżi tagħhom bis-sentenzi u xhediet tagħhom jitnizzlu bil-Malti, biex jistgħu wara jinqraw minnhom u minn kull min jista' jkollu xi interess. Iżda jaslu biex jifhmu kitba bħal din ? Naħseb li anqas dawk li jkunu kitbuha ma jkunu jagħarfu jaqraw il-kitba tagħhom infushom !

Nitolbu fl-isem tal-kotra tal-Maltin li l-Gvern isaħħaħ il-Malti fil-Qorti. S'issa l-Malti għadu daħal biss fit-taħdit tal-Qorti, iżda fil-kitba tal-Qorti ma nafx nistgħux ngħidu li l-Malti daħal ukoll. Minn fuq smajna li tneħħew it-tradutturi tal-Malti mill-Qorti. Ma nafx humiex meħtieġa meta jkun hemm skrivani mħarrġa fil-kitba tal-Malti, iżda jekk mhemmx nies imħarrġa, it-tneħħija tagħhom hija ta' ħsara.

Biex il-Malti fil-Qorti jkollu l-ġieħ li ħaqqu nitolbu lil min għandu f'idejh is-setgħa li jamar :

1. Li qabel ma jingħata l-*warrant* ta' Avukat, Nutar u Prokuratur Legali l-istudent għandu jagħti xhieda li jaf iħaddem il-Malti skond il-ħteġiet tal-professjoni tiegħu u li jaf jiktbu bl-ortografija tal-Gvern;

2. Li fil-Qorti jkun hemm tradutturi jew skrivani mħarrġin tajjeb fil-Malti;

3. Li dawk li, għax ma jridux, ma jiktbux bil-Malti tajjeb jistgħu jeħlu l-pieni skond ma taqta' l-liġi.

# XENQA *

*Lil Wiġi Portelli b'tifkiriet għeżież*
*minn Londra.*

Irrid Dgħajsa tal-ħolm li tkun miksija
Minn tarf sa tarf bid-deh'b, b'dawk l-arbli sħieħa,
Twal qishom dwieli bl-għeneb u, mistrieħa,
L-imqadef fuq wiċċ l-ilma bojod dija;

L-imqadef tas-satin bħas-sriep milwija,
Ulisse wil-baħrin, il-lewn wir-riħa
Ta' l-alka tħaxwex, ġonna l-bogħod u fwieħa,
U l-mewġ jinbaram taħt ix-xemx mikwija.

Baħrin tal-Ħolm, ix-xemx għadha titlajja;
Isimgħu x'issejħilna—l-qlugħ miftuħa,
L-imqadef f'idna, ir-riħ qed jiġri magħna.

Ngħaddu minn Bieb-il-Mewt? Mhux mewt il-ħajja?
Aħjar ngħibu max-xemx milli mirbuħa
Ninfnew bħal lsiera fl-art bla daqq, bla għana.

ĠUŻE. AQUILINA

---

* Mill-ingliż tiegħi *The Barque of Dream.*

# Mawra sa Tal-Ħorr.

Kollox irid ikun, imqar ġewaqtijiet, mawra saċ-Ċimiterju. Kull min igħix ħajja mqita, il-mewt ma jibżax minnha, u l-mejtin bħal kieku jħobbhom. Għalhekk, ngħid għalija, bħala wieħed li d-dinja ma kellhiex għalih ħlief xewk, xi mawra sa belt l-imwiet ma nistax nistkerrahha.

L-ewwel ma ġibditli għajnejja kif dħalt iċ-Ċimiterju, kienet irħama kbira, imżejna, qabel ma titla' t-taraġ il-kbir. Fiha kitba bil-latin li tgħid li hi tifkira ta' wieħed imħallef, li kien raġel għaref, tajjeb, meqjum, imweġġah u mfaħħar; u li tħallas sewwa ta' egħmilu mis-sultan. Twaħħaxt naqraha, għax rajt ix-xejn tiegħi fejn kburija bħal dik, kburija li mhux talli ma ngħirx għaliha imma li nistkerrahha.

Ersaqt lejn irħama oħra, wieqfa mal-ħajt, bħal ta' qabilha. Bdejt naqraha u nsibha tifkira ta' ras kbira, bħal ta' qabel. Ersaqt lejn oħra u nsibha li kienet hekk ukoll.

In-naħa tax-xellug jien u tiela' t-taraġ, ilmaħt irħama bajda, kiebja. Ersaqt ħalli nara x'kienet. Fin-nofs il-fuqani tagħha tidher xbiha ta' qassis. Qbadt naqra l-kitba ta' taħtu, li b'għaġeb sibt li kienet bil-Malti, u minn xi rqaqat tagħha, tidher li hi xogħol is-sur Fons. Il-kitba kienet tgħid dan :—

Patri Manwel Magri S. J. twieled il-Belt fl-1851, miet Sfax fl-1907; għadda ħajtu fil-ħidma għal ġieh Alla u għal ġid għajru. Miġbud dejjem lejn Malta, fittex kiteb kemm sata' fuq il-lsien u l-ġrajja tagħha. Din ir-rħama waqqfu ħbiebu b'tifkira tiegħu.

Kemm jinżel ħelu l-lsien Malti ġewwa qalb maltija, wara t-taqtiq iebes tal-lsien Latin ! Qisu fewġa bierda ta' nħit il-baħar f'xi lejla ħarra sajfija.

* * *

Tlajt it-taraġ u lwejt lejn il-lemin, fuq l-oqbra. Qrajt l'hawn u l'hemm xi kitba bla ma laqtitni ebda waħda. Mawsolew żgħir tar-rħam abjad ġibidni. Kien magħmul minn piramda, wieqfa fuq kagħba u erba' għamudiet żgħar. Fil-fuqani tal-wiċċ ta' barra xbiha ta' tarbija fuq luħ tal-porċellana u taħt ix-xbiha kitba li tgħid dan :—

"In loving memory of Emmanuele, the only and dearly beloved child of Carmelo and Vincenza Aquilina, who was born July 17th 1880 and died of diphteria June 13th 1885."

L-iben waħdani tagħhom, għidt f'qalbi, u ta' ħames snin biss (l-oħla żmien taċ-ċkunija) u mitilhom ! Nagħmel imħatra li ftit wara mietu huma wkoll. Kif jista' jkun li tgħix ix-xitla jekk taqtgħalha l-qalba tagħha ? It-tokk, il "focus" tal-imħabba t'omm u missier itneħħa; kif jista' jkun li jibqgħu ħajjin ?

Dort in-naħa l-oħra tal-qabar fejn kien hemm żewġ irħamiet kbar, bil-kitba, u stennejt li nsib fuqhom l-isem talomm u l-missier. Tqarraqt, għax sibt li kienu l-oqbra ta' żewġ raħbiet tal-foqra u għal ħin ħsibt li kieku għamilt imħatra kienet tmurli mar-riħ. Kif kont sa nitlaq minn hemm, imħanfes nara fuq il-wiċċ l-ieħor tal-kagħba xbiha ta' mara żagħżugħa u taħtha kitba li tgħid hekk:—

"Sacred to the memory of Vincenza, dearly beloved wife of Carmelo Aquilina, who departed this life on the 22nd May 1886, aged 33 years."

Hekk mela, ma kienx fallieli! Nofs l-imħatra kont nirbaħha. Kemm iġġib ruħha ħażin id-dinja ma' x'uħud! Imsejkna ta' omm, mietet sena wara. Mietet minfuda u maqtula mis-sejf aħrax tal-mogħdrija.

Fuq il-qabar kien hemm imferrxa xi erbgħa jew ħames wardiet tal-margarit abjad midbiela. Xi ħadd qarib tal-mejta kien ġie jżur qabarhom m'ilux wisq.

* * *

Bqajt dieħel il-ġewwa bil-qajl, inħares lejn l-oqbra, naqra xi kitba fihom u nitgħaxxaq bis-sengħa li biha magħmula xi surien jew statwi ta' fuqhom.

Sabiħa s-sura ta' fuq il-qabar ta' Licari, imma fiha nfisha ma tgħidx ħwejjeġ kbar, għax min iħares lejha ma jilmaħx, jekk ma jgħidulux, l-aqwa ħaġa: li l-iben kien għadu ġej missafar—għalhekk is-sura, bi ġmielha kollu, ma tolqotx il-qalb.

Ħelwa u tas-sengħa s-sura tas-sebgħa ta' Ġunju, imma anqas din ma tolqot sewwa; għax min jaraha bla ma titfissirlu jaħseb li dik hi s-sura ta' xi bint li qiegħda tibki fuq il-ġisem mejjet ta' missierha.

L-aktar sura sabiħa, magħmula tajjeb u tolqot qalb min jaraha, hi naħseb jien dik li tinsab fuq il-qabar ta' Teresa Lambertini.

Turi mara żagħżugħa, bil-qiegħda, liebsa libsa ħafifa, twila sa fuq uċuh riġlejha, u mantar fuq kitfejha li jgħattilha sa nofs dirgħajha. Xuxitha mitluqa fuq għonqha, u wiċċha mdawwar ftit il-fuq, lejn is-sema. M'hix tħares, għax għajnejha magħluqa, imma qiegħda taħseb xi ħsieb ta' mħabba, għax xuftejha ftit imbissmin. Dirgħajha mimduda fuq in-naħa l-waħda u l-oħra, u b'idejha qiegħda taqbad ir-rjus tal-ħajt tal-ħaġar li qiegħda fuqu. Fuq ħoġorha tarbija tat-twelid, għarwiena, mimduda wiċċha l'fuq, rasha mitluqa l-ura, mejta.

F'kollox, dik is-sura fiha mwaħħad flimkien u magħżul ħajja u mewt, imħabba u niket. Għajnejn iż-żagħżugħa magħluqa

li juru l-mewt, waqt li wiċċha merfugħ il fuq, li juri l-ħajja. F'ħoġorha tarbija mejta, li turi n-niket, u fuq xuftejha tbissima ħelwa, li turi mħabba.

Fil-qasir, is-sura titkellem għaliha n-nfisha, omm, imżejna bil-ġmiel u mimlija bl-imħabba, mitilha t-tarbija, il-għożża tagħha. U l-imħabba u n-niket ta' qalbha kienu hekk qawwija, u ħabtu hekk bl-aħrax għal xulxin li qatluha fis-saħna tal-ġlieda tagħhom. Mela, il-kitba li hemm taħt is-sura, barra mill-isem u jum il-mewt, tista' tgħid li m'hix meħtieġa.

* * *

Tlaqt minn hemm u tlajt il-fuq u ġbidt lejn l-oqbra tal-mejtin tal-gwerra.

Jekk trid tara l-kruha tal-gwerra mur fuq l-oqbra ta' dawn il-mejtin u ħares ħarsa wtiqa lejhom. Aqra l-kitba ta' fuq qabarhom; qishom kollha żgħażagħ ta' ftit fuq il-għoxrin sena: O. H. Roberts, ta' 20 sena; John Broder ta' 23. B. Freebairn ta' 21. T. Mc Grath ta' 22, F. Edmunds ta' 18...u l-bqija.

Aħseb, għidt lili n-nifsi, x'jinsab midfun mal-għadam ta' dawn iż-żgħażagħ, taħt din ir-rħama. Aħseb fil-għożża għajjura ta' omm, u l-ħsieb ħabrieki ta' missier, fit-torbija ta' dan binhom. Aħseb fit-tagħlim lieżem tal-imgħallem fl-iskola. Aħseb, fl-aħħar, fit-tamiet tal-hena tal-ħajja fil-qalb ta' dawn iż-żgħażagħ infushom. Nifda ta' balla ssaffar, jew tiċrita ta' sejf ileqq minn idejn ta' żagħżugħ ieħor, qatgħet il-ħajja fl-isbaħ tagħha u tefgħet kollox f'qiegħ ta' qabar.

Imsejken bin Âdam! Jiġi fid-dinja darba waħda: għaliex teħodlu ħajtu, fl-aħjar tal-hena tagħha ?

* * *

Tlaqt minn hemm u ġbidt għal wara l-knisja, lejn xi oqbra qodma in-naħa tax-xruq tagħha. Hemm ġibidli l-ħarsa naqra ta' qabar, kollu ħażiż u ndewwa, b'għamuda fuqu, u fuq il-għamuda kitba li tgħid dan : — "Il Sacerdote Salvatore Agius, della città Valletta, preparò per se solo questo sepolcro nell'anno 1887 morì il dì ......18......in età di......Pregate per lui requie eterna.

X'ħaġa! għedt f'qalbi. Min jaf x'sar minn dal-qassis, li għamel qabar għalih waħdu ħamsin sena ilu, u baqa' ma ndifenx fih? Milli jidher kien qassis xiħ, la darba, kif turi l-kitba, kellu l-fehma li jmut qabel l-1900. X'sata' sar minnu tgħid, la ma ndifenx fejn kellu f'moħħu ? Tgħid siefer fi xjuħitu u miet barra minn Malta ? Min jista' jaf !

Immaħħaħ fuq hekk ħriġt miċ-Ċimiterju u ktibt xi ħaġa fuq din żjarti, biex tibqa' tifkira.

L, C.

# Mill-Kummiedja "H.M.S. Barham"*

Hemm dar qed tistenniena
Mitlufa qalb il-ħdura;
U b'ward minn ta' kull sura
Imdawra kullimkien.

Tkun l-għanja ta' l-għasafar
Il-għanja li thennina,
Il-għanja li tnessina
Il-mixja minn taż-żmien.

Nixjieħu bla nintebħu
Kif gerbu fuqna s-snin;
Ġo ħolma ta' tgawdija
Immutu t-tnejn henjin.

ĠORĠ PISANI

# Tibżax....

*Għanja għal fuq il-kitarra.*

Għaliex tibża', ja ħanina,
Il-velenu ma nisqikx,
Nisqik biss il-bews ta' mħabbti;
Mument wieħed ma nħallikx.

Tibża' xejn, ħanina, minni
Jien bil-ktajjen ma norbtokx :
Norbtok biss bir-rbit ta' qalbi,
Għomri kollu ma nħollokx.

ĠORĠ PISANI.

---

* Dawn il-versi huma meħudin mill-Kummidja bil-Malti ta' Ġorġ Pisani "H.M.S. BARHAM" li dehret l-ewwel darba f'Għawdex fil-Kunċert li taw il-Girl Guides Għawdxin. Wara stedina ta' Dr. Laferla din il-kummidja saret ukoll Malta fl-Iskola Soċjali ta' Ħal-Tarxien. Dawn il-versi u għanjiet oħrajn tkantaw b'sengħa kbira minn Miss Teresa Mallia li qalgħet l-isem ta' *artista mwielda.*

# Burraxka ta' April

*(maqluba mill-Ingliż)*

**KUMMIEDJA ĊKEJKNA F'ATT WIEĦED**

*Personaġġi: Stella (ta' tmintax-il sena)*

*Xena*: Kamra ċkejkna mgħammra ħelu ħelu. Bieb fil-faċċata. Mal-lemin ċumnija b'arloġġ fuqha. In-naħa tax-xellug mejda tal-kitba, bil-karti fuqha, pinni u klamar tal-linka; pultruna.

STELLA b'libsa ta' filgħaxija timxi 'l fuq u 'l isfel mal-kamra. Tieqaf f'daqqa waħda u tħares lejn l-arloġġ.

STELLA: Is-sebgħa! Le! is-sebgħa u disa' minuti! (Toqgħod bil-qiegħda) Nistenna ftit ieħor! (Tqum bil-għaġla) Hu! (Tissamma' fil-bieb) Le! mhux hu! Ir-riħ! (Tħares lejn l-arloġġ). Is-sebgħa u għaxar minuti! tista' tgħid u ħdax! (titniehed) Kemm igħaddi bil-mod il-ħin! (Tissamma') Iskot! (Inkurlata) ir-riħ mill-ġdid! (wara ftit) Is-sebgħa u kwart! Ġa skorra kwarta! Meta tkun tistenna, il-ħin donnu ma jgħaddi qatt! (Iddur lejn il-bieb u b'leħen ta' ħniena tgħid) Ejja, iddumx ma tiġi, Arturo! (lejn min jisma') Jismu Arturo! (Wara ftit) Isem min? X'inhu? Isem żewġi, Arturo tiegħi! Lil min għandi nkun nistenna dal-ħin, u nixtiequ jiġi malajr? (Tħares lejn l-arloġġ) Is-sebgħa u sbatax-il-minuta (Lejn min jisma') Intom ma tafuhx! Tafux lil wieħed raġel jismu Apollo? Naħseb li tafuh, hux? Tajjeb wisq, immela. Arturo fula maqsuma miegħu, donnu hu! Għad nurikom ix-xbieha tiegħu. (Tħares lejn l-arloġġ) Is-sebgħa u tnejn-u-għoxrin minuta! (Lejn min jisma') Jiena kont li sibtu 'l Arturo; waħdi. Marzu li għadda konna Biarritz. Lejla waħda mort max-xatt biex insib xi qxur tal-baħar għat-tfal ta' l-iskola tagħna, u kif kont għarkobbtejja qiegħda nħaffer b'idi l-leminija ġewwa r-ramel (turi idha l-leminija)—din, araw, f'daqqa waħda ħassejt xi ħaġa taqbadli subgħajja. (Tħares lejn l-arloġġ) Is-sebgħa u ħamsa u għoxrin minuta—(lejn min jisma') Billi ħsibt li kien xi granċ, bdejt inwerżaq kemm niflaħ u qomt b'salt l-iżjed kbir. Insib żagħżugħ bil-wieqfa ma' ġenbi Bil-mistħija ħassejt wiċċi xrara nar—hu sar aħmar ukoll. Is-sema kien kaħlani u l-baħar aħdar Ah! Jiġu waqtijiet fil-ħajja tal-bniedem li ma jinsiehom qatt! (Tbiddel leħenha) Fl-aħħarnett dak is-skiet kien miksur minn leħen—kien il-leħen tiegħu. "Nitolbok għaxart elef maħfra—qalli—subgħajk ħsibthom, ma nafx xi ħsibthom! qroll aħmar, x'ikolli ngħid." Fuqu kienet tidher mistħija kbira. "U tiegħek

ħsibthom ġranċ!"—għidtlu jien—"Jiena jisimni Stella." "U jiena Arturo," wieġeb hu. "U ninsab tifla waħdi"—issoktajt, billi tħawwadt u ma għaraftx x'nibda ngħid. "U jiena tifel waħdi wkoll"—huwa tenna minn taħt il-lsien. "Oh! niżżik ħajr!" Sellimna lil xulxin u kulħadd mar għal riħu. Sirna sofor lellux lellux it-tnejn. (Tħares lejn l-arloġġ) Is-sebgħa u nofs! Tafuh il-bqija? Xahar wara ltqajna għal għarrieda f'ballu Londra —kien l-ewwel ballu li mort, u niftakar in-nanna inkurlat ħafna, għax qatt ma riedet tħallini mmur, billi bilkemm kien għad għandi tmintax-il sena. Tajjeb, is-sinjura Karlotta laqqgħetni miegħu. U tafu l-biċċa kif spiċċat? Spiċċat billi xahar ilu żżewwiġna fil-Knisja ta' San Pietru, Misraħ Eaton. Dak tieġ sabiħ! Dak ilbies sabiħ! Jiena u ħierġa mill-Knisja, kulħadd beda jgħid, "Xi ħlewwa!" Jiena fraħt b'dan il-kliem, iżda minħabba Arturo, tafux! Ħaddejja kienu aktar bojod mill-libsa li kelli fuqi. Kien fiha kuda li żgur qatt ma rajtu twila daqsha u kollha rrakkmata bil-ġawhar. Ħassejt ruħi ftit imħawda, iżda hienja wkoll. Arturo kellu darsa tuġgħu. Narġa' ngħid mill-ġdid: jiġu waqtijiet fil-ħajja tal-bniedem li ma jkun jista' jinsiehom qatt! (Tħares lejn l-arloġġ) Għad ilna miżżewġin xahar! U—(Tissokta bil-għaġla) Iżda dejjem nibqgħu nħobbu lil xulxin taf! Huwa tant minn tagħna u ħanin, ma jiġini l-ebda ħsieb ħażin fuqu, l-imġiba tiegħu tant hija tajba: Meta nkunu weħidna jiena nsejjaħlu "Ġawhra!" u huwa igħidli "Bażu-ża tiegħi!" (Bi sfiċċa ta' malajr) Din x'biċċa hi għadu ma ġiex? Din hija l-ewwel darba minn kemm ilna li żżewwiġna li dam ma ġie daqshekk. Drabi oħra malli jdoqqu s-sebgħa—l-ebda minuta iżjed. Jiena nisimgħu idaħħal il-muftieħ fis-serratura u mbagħad arani f'dirgħajh, inkella huwa f'dirgħajja. Dan x'kien illum?—(Timxi 'l fuq u 'l isfel) Oh! Kemm inħossni inkwieta! (Lejn min jisma') X'inhu? Żammewh? Kif? Min żammu? Mhux il-kap tiegħu—Arturo huwa segretarju ta' ministru li jġibu wisq—għax qiegħda niftakar li l-kap tiegħu sejjer jitlaq għall-kampanja. Mela żammu xi ħaddieħor? Imma min sata' jżommu? (Wara ftit) Ah! taraw, ma nista' nsib xejn li jurini li t-tort ma hux tiegħu; din hija l-agħar ħaġa! (Lilha nfisha) Kieku ma għidtlux li għandna mmorru nippranzaw għand il-mamà, il-lejla, kont naħseb—imma hu jaf bħali! Huwa jaf li din il-libsa għamiltha għalhekk! Għaldaqstant—(ittemtem) Tiġini sewwa hux? Aktarx daqsxejn wiesgħa fil-qadd—Imissu jaf kemm jiena bla sabar — Indaħħlilha ftit. Imissu....— (Tħares lejn l-arloġġ) Oh! x'waħdi din! Il-ħin! Inħossni mħajra nraġġa' l-minutiera lura; imma kollu ċajt! (Jidhrilha tisma' ħoss, u tmur tiġri lejn it-tieqa) Hawn hu! Le! Kar-rettun! Min jaf għaddiex minn fuqu? (Tgħatti wiċċha b'idejha)

Imgħaffeġ, kollu dmija, siequ miksura, driegħu maqlugħ! (Tarġa' tmur lejn it-tieqa u tħares il barra) Ieqaf, ieqaf! (Dana lill-burdnar li jkun għaddej) X'waħda din, għandi nkun miġnuna! Ma ġara xejn wara kollox. (Lejn min jisma') Sata' ltaqa' ma' xi ħabib li talbu jmur jagħmel dawra miegħu! Iżda le, huwa jobogħdu l-mixi. . . Għandnu mnejn—Le! mhux hekk, inkella—(Tneħħi minn moħħha dan il-ħsieb) Le! żgur mhux hekk! lanqas il-karrettun, lanqas driegħ maqlugħ, u l-ebda ħaġa milli qiegħda naħseb. Issa naf x'inhi l-biċċa. Aktarx bdiet tonqos l-imħabba tiegħu lejja. (Tixxotta demgħa) Iva! issa naf li qiegħed jixba' minni, mill-hena tagħna, mill-imħabba li għandi lejh! Xahar! Għal raġel huwa biżżejjed—u mbagħad! Oh! kemm inħossni mdejqa (Kollha bla sabar, tagħti daqqa b'riġlejha fuq l-art) Ħaġa belha (Tissamma') Ġej!—Le! għad! (Tmur lejn il-bieb) Meta tiġi, tara x'nagħmillek. Nurik x'naf ingħid, u x'naf nagħmel. (Lejn min jisma') L-ewwel ġlieda bejnietna—Oh! jiġu waqtijiet fil-ħajja tal-bniedem li huma wisq tal-biża' biex isofrihom! Imma nikkwieta, nieħu ftit tas-sabar! Issa kif nibda nilqgħu? Kif inħares lejh? Hija ħaġa ftit iebsa. Dan hu l-ewwel tiġrib, min jaf il quddiem x'ġej għalija? Li kienet hawn il mamà kienet tgħidli kif għandi nġib ruħi! Dik ma tibżax minn tliet rewwixti kuljum ma' missieri! (Tidħak) Imsejken ta' raġel (Leħenha jitbiddel) Ħalli nara. (Wara ftit) Le!—Iva, iva! Hekk nagħmel! Meta jiġi nagħmilha ta' soda—inżomm ruħi merfugħa, wiċċi jkun donnu tar-rħam. Huwa jkun irid jagħmel ħbieb miegħi, u jgħidli: "Aħfirli, bażuża, għax domt daqshekk, imma—" Hawn naqtagħlu l-kliem u ngħidlu kiesaħ kiesaħ: "Inti ħieles li tiġi d-dar x'ħin trid u x'ħin jogħġbok!" Huwa igħidli: Isma' x'inhu li żammni," u jiena nwieġbu "Lanqas biss ma rrid naf, u tista' ma tgħidli xejn." Imbagħad jissokta: "Il-bażuża tiegħi miġġielda mal-ġawhra tagħha?" u jiena narġa' nwieġbu kiesaħ kiesaħ: "Jiena miniex il-bażuża tiegħek, u inti m'intix il-ġawhra tiegħi." Huwa jersaq biex jagħtini bewsa, u jiena b'herra kbira ninbuttah lura. Wara dan għandu mnejn jibda jidħak, u nibża' li ninfexx nidħak jiena wkoll! B'mod jew b'ieħor ma nkunx nista' nżomm id-daħk meta jidħak hu, (Tibda tidħak kemm tiflaħ weħidha) għalkemm hija ħaġa ftit belha. . . (Wara ftit) Naħseb li jekk inżomm ruħi mitluqa u nuri li għandi swied ta' qalb u buli ħażina nagħmel wisq aħjar. Ħaruf meħud lejn il-biċċerija—hekk! "Iva, ruħi inti tista' tagħmel dak kollu li trid u li jogħġbok; jiena ma nċanfrekx." U kliem bħal dan. Meta jarani nieħu kollox bil-ħlewwa u bil-kwiet, huwa jiġi biex ifarraġni, iżda jiena ma nħallihx. Issa rrid nara jekk nieħdu bil-herra x'nista' nagħmel. Kieku kelli nersaq lejh (Tinġibed ftit lura u tarfa' driegħha) "Oh! brikkun!" ingħidlu, "jiena nurik li miniex ta' sebgħi

f'ħalqi kif taħsibni." (Tħalli driegħha jinżel) Iżda, le! Ma jħallinix nagħmlu dan! U aktarx id daqqa li nagħtih ipattihieli b'oħra. Ma tridx tafdahom ir-rġiel! Ħalli naħseb xi ħaġ'oħra! (Lejn min jisma') Xi tgħidu kieku kelli nagħmel ta' bir-ruħi tagħtini taqliba? (Turi b'sebagħha lejn l-art) Hemm fuq il-qiegħa ta' l-art, b'xuxti s-sabiħa mitluqa għal fuq spallejja, inberraq għajnejja, ingħażżaż snieni, nitniehed, inwerżaq, bir-ragħwa ħierġa minn ħalqi! Il-mamà kienet tħobb wisq tagħmilhom dawn il-praspar sa ftit snin ilu, għalkemm il-lum erħiethom għax għejjewha wisq, u l-papà qal li drahom biżżejjed. (Tħares lejn l-arloġġ) It-tmienja neqsin għoxrin minuta. (Tissokta) Inwaħħalha f'rasi li tagħtini taqliba! (Tarfa' idha 'l fuq biex tħoll xagħarha) Imma lè! Ikolli nerġa' nirranġa xagħri mill-ġdid, u jiena u nitmiegħek ma' l-art ingħarraq il-libsa. Barra minn dan, bl-ilfieq u l-biki nista' nagħmel għajnejja ħomor għall-pranzu tal-mamà. Daqsxejn ta' ħass ħażin ikun biżżejjed—aktar u aktar l-ewwel darba. (Tinxteħet fil-pultruna) Hekk, hekk aħjar! Nibqa' hawn, kiesħa, musfara, mitluqa, qiegħda mmut, mejta! Huwa jiġi, u b'ġirja għal fuqi, jagħmilli elf mistoqsija, u jsibni bla ħajja! Imbagħad jintilef fih in-nifsu, isejjaħ 'in-nies, jinxteħet għarkubbtejh quddiemi, iroxxli l-ilma fuq ġbini abjad u donnu tar-rħam. (Tqum bil-ħeffa). Iżda mbagħad, l-imsejkna libsa tiegħi! Xi dnub li hemm il-pranzu fin-nofs! (Wara ftit). Ngħidu li nagħmilha ta' miġnuna! Arturo biss jaqbillu jekk nagħmel dan, għax jibgħat għat-tabib—u ma tafx kif tista' tispiċċa. Raġel li ma jħobbx lill-mara tiegħu, għandu ħila jagħmel kollox. M'hux biss li huwa ma jħobbnix—dan kieku ma tantx jimporta—iżda naħseb li ma jaħmilnix—jobgħodni' Jobgħodni? Jiena żgura minn dan; għandi biex nuri. (B'leħen baxx). Aħjar inħalli isir dak li għandu jsir. Ma baqagħli nagħmel xejn iżjed ħlief li nġerragħ il-hemm kollu li jista' jaqa' fuqi. (Taħseb għal ftit). Issa naf x'nagħmel. Nibgħat għall-mamà. u nġagħalha tagħmillu waħda minn tagħha. Imbagħad meta jidħol f'qoxortu għal kollox, hija teħodni magħha—bgħid, bgħid minn din id-dar ta' swied il-qalb, fejn ġarrabt u sofrejt tant tkasbir u tbatijiet (Tbiddel feħenha) Nikteb. (Toqgħodx fuq il-mejda) "Għażiża ommi." (Tħares lejn l-arloġġ) It-tmienja neqsin għaxar minuti. Ilu ġa erbat ijiem—ingħid ġimgħa—" (Tikteb). Ilu sewwa sew ġimgħa li Arturo telaq mid dar, u sal-lum għadu ma deherx. (Tħalli l-kitba u tissamma'). Iskot! isma'; (B'għajta ta' ferħ). Hu! Hu, tassew! (Tqiegħed idha fuq qalbha) Oh! jiġu waqtijiet fil-ħajja tal-bniedem li jpattu ta' kollox! Iżda x'nibda nagħmel? (Tqatta' l-ittra). L-ewwel inqatta' din l-ittra. (Titħasseb). Iħossni ħażin? Aħjar le. Le! Immur niġri u nagħtih bewsa u l-ħass ħażin inħallih għal darb'oħra! (Titlaq tiġri għan-naħa tal-bieb.)

Ġużè Mifsud

# Il-Klieb u sidhom.

Bil-qliel niżlet ix-xita,
bil-gliegel ġera l-wied.
Tempesta kbira fl-ajru,
l-imwieżeb bl-ilma mtliet.

U sid razzett taħt wileġ
kellu jibqa' magħluq.
'Kk jiftaħ il-bwieb ta' barra.
kien lilu, l-ilma jsuq.

Ix-xita nieżla u tfarrak
bla ħniena damet żmien!
X'jiekol? Qatel il-bhejjem—
Nagħ'ġ. mogħ'ż, ħrief u gidjien!

Għadda żmien twil u x-xita
bil-qliel dejjem iżżid;
ma' dawn kellu wkoll joqtol
gniedes u frat tàl-ħrit.

U mbeżża' l-Klieb, inġemgħu,
qatgħuha għalenija
jaħarbu, jdabbru rashom
minn dik il-biċċerija.

—Jekk ma ħafirha l-gniedes
tad-dris li tawh elf ġid;
Kif se'r neħilsu aħna
ħajjitna, minn das-sid!—

"Kullmin kellu qalb iebsa
u ħaqar lil ta' ġewwa,
in-nies twarrbu minn ħbiebha
u tgħoddu mal-egħdewwa!

R. M. B.

3—3—38.

# PARAFRASI

## Mera ta' Mistoqsijiet ta' Eżamijiet

### MISTOQSIJA.

Kien ili siegħa
għajnejja fih
narah jittajjar
eħfef mir-riħ,

jixref minn sħaba,
għal oħra jżiġġ,
jerġa' jistaħba
biex jerġa' jfiġġ,

jogħla fuq denbu,
jiċkien, jiċkien,
sakemm ma jibqa'
jidher imkien.

Xinhu l-ħsieb tal-poeta f'dawn il-versi ? Għid x'ifissru : *jixref minn sħaba*; *għal oħra jżiġġ*; *jogħla fuq denbu.*

### TWEĠIBA

Il-poeta qiegħed iħares lejn ajruplan u jarah jiġri u jtir eħfef mir-riħ; issa jinħeba wara sħaba, issa jogħla 'l fuq, 'il fuq u jiċkien sakemm ma jibqâx jidher aktar.

*Jixref minn sħaba,* jittawwal minn fuq sħaba; joħroġ minn ġo sħaba li kienet tgħattih.

*Għal oħra jżiġġ*; *jżiġġ* ngħiduh għall-ġiri ħafif ta-lħut. Mela l-poeta jara l-ajruplan jiġri ħafif minn sħaba għall-oħra, qisu ħuta fil-baħar.

*Jogħla fuq denbu*; biex jogħla 'l fuq l-ajruplan jitwaqqaf fuq it-tarf ta' wara, li qisu d-denb.

# Ktieb fuq il-ġrajja tal-Kitba Mqassra.

"Il-kitba mqassra (jew Stenografija) ġejja mill-kitba mtawwla, jew dina minn dik?" Donnu hemm x'juri li aktarx il-kitba mtawwla ġejja mill-imqassra.

Minn dak li nsab fl-ibliet il-qodma (bħal ma hija l-belt il-qadima ta' Ur), jidher illi n-nies ta' żmenijiet il-qedem kienu jinqdew b'egħliem li bihom kienu jfissru mhux ittra waħda biss iżda kelma sħiħa u iżjed minn waħda f'daqqa, frażi, u għaqda ta' ħsebijiet flimkien. Ma għandniex xi ngħidu li dan is-sistema huwa tqil ħafna (jixhduh l-alfabeti Ċiniż u Ġappuniż) u ftit għalhekk kienu dawk li kienu jafu jiktbu. Dawn il-ftit kienu magħduda bħala saħħara (bħal ma kienu magħdudin dawk li jdewwu n-nies u dawk li 'jaqraw' il-kwiekeb). U aktar żdied it-tfixkil meta maż-żmien kibret iċ-ċiviltà, u għalhekk kotor il-kliem. Għalhekk mela nħoloq l-alfabet tal-ktiba mtawwla li t-tfal jitgħallmuh b'ħeffa kbira. Iżda jekk insab li dan l-alfabet jiswa ferm biex wieħed jitgħallmu b'ħeffa kbira insab ukoll illi f'dawn iż-żmenijiet ta' għaġla mhux biżżejjed ħafif biex jaqdi l-ħteġiet tal-lum, u għalhekk il-bniedem raġa (bħal f'ħafna ħwejjeġ oħra) għall-imgħoddi u qed jinqeda b'kitbiet li jqassru sewwa l-kelmiet u, xi drabi, frażijiet sħaħ

F'din il-ħaġa wkoll Malta ma reditx toqgħod l-ura.

Il-Kostituzzjoni kienet li tat il-ħajja lill-kitba mqassra f'Malta. Mal-qawmien tal-Isien Malti kien hemm bosta li fasslu xi sistema Malti fuq l-Ingliż, jew fuq it-Taljan meħud mill-Ingliż. Iżda kull wieħed minn dawn kellu sistema tiegħu li jifhmu huwa biss. Fost dan it-taħwid inqala' Ġorġ Ransley li daħal għal din il-ħaġa bir-ruħ u l-ġisem u fassal sistema għal Malti. Huwa għamel minn kollox biex dan is-sistema jxerrdu u jgħallmu kemm jista' lill-Maltin, u l-iktar liż-żgħażagħ. Dawna ma naqsuhx, il-għaliex raw kemm ikun jinħteġilhom il-quddiem.

Jekk it-tfixkil ma naqsux, iżda hekk ukoll Ransley sab nies li għenuh minn qalbhom, u b'hekk huwa rnexxielu jibni x-Xirka tiegħu tas-Sinktib (kif huwa laqqamha) fuq sisien mill-aħjar u wassalha fejn tinsab il-lum. Mhux ta' b'xejn li hu għażel il-kelmiet "Jiena nista'—jiena rrid."

Dan l-aħħar huwa ħareġ (mill-mitbgħa tal-Gvern), ktieb li semmieh "Storja tas-Sinktib". Dan il-ktieb hu mogħni b'ħafna dokumenti u mżejjen b'ħafna tiswiriet. Fih isemmilna biċċa, biċċa, il-ġrajja tas-Sinktib mas-sekli. Huwa jiftaħ dan il-ktieb billi jsemmi l-bosta ismijiet li s-sinktib kellu fiż-żmenijiet. Għaddejt mat-tmenin waħda. Imbagħad jibda bil-kliem tal-Kitba Mqaddsa u hekk jibqa' nieżel sa' żmenijietna. Għal-kemm il-ktieb hu kollu interessanti, l-aktar li jolqotna hu, ma għandniex xi ngħidu, fejn imiss 'il Malta. Ransley ħalla Taqsima għaliha biex jitħaddet fuq il-ġrajja tas-sinktib f'dawn il-Gżejjer Jibdielna billi jgħidilna li aktarx San Luqa, l-Appostlu, kien sinkittieb. Haġa li tista' tkun, meta niftakru li dan l-Appostlu kien pittur u li fiż-żmenijiet ta' l-imgħoddi kienu jpinġu u jiktbu bir-rix.

A. FARRUĠ.

# Kotba ġodda

DUN KARM, *L-"Jien" u lilhinn minnu*, għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ; faċċ. 39, Stamperija Chrétien, 1938.

L-isem ta' dan ix-xogħol ta' Dun Karm ma jnebbaħniex ħafif x'ifisser, iżda l-kelmiet miżjuda taħtu jqabbduna t-triq. Il-*moħħ* u l-*qalb* huma żewġ setgħat tar-*ruħ*. Il-bniedem *jaħseb* u *jifhem*, *iħoss* u *jħobb* għax għandu *ruħ*. Mela f'din il-għanja minn għalina sa nisimgħu l-moħħ u l-qalb tal-bniedem, ir-raġuni u l-imħabba jgħannu b'leħen wieħed taħt it-tmexxija tar-ruħ. Imma l-moħħ u l-qalb tal-bniedem bosta drabi ma jiftiehmux; jew il-moħħ jitkabbar iż-żejjed u jberred il-qalb, jew il-qalb titħeġġeġ iżżejjed u ddallam il-moħħ. Jaħtieġ, jekk il-bniedem irid isib il-hena, li t-tnejn jimxu flimkien, għalenija, taħt il-ħakma tar-ruħ imdawwla mis-sema. Għalhekk il-għanja tagħlaq b'dawn il-versi :

Issa mexxini Int, ja Dawl tas-Sema,
. . . . . . . . . . . . . . .
. . . mexxini Int għax fik biss nagħraf
il-Għajb tal-"Jien" u l-Ġmiel ta' "Lilhinn Minnu".

Suġġett tqil, li jitlob qawwa ta' ħsieb li jidħol igħarrex sa ġol-aktar irkieni moħbija tal-moħħ u tal-qalb. Barra minn din il-qawwa ta' ħsieb, il-poeżija titlob is-sengħa li tfisser il-ħsebijiet bil-ġmiel, bil-ħlewwa, bi xbihat li jolqtu, bi kliem magħżul u meqjus. U ta' din il-qawwa ta' moħħ u sengħa ta' kliem Dun Karm tana xhieda li ma tibża' mill-ebda tmerija.

B'dan ix-xogħol il-Isien Malti kiseb xhieda oħra tal-ħeffa tiegħu biex jinħadem għal kull ħsieb tal-moħħ u għal kull ħass tal-qalb.

Ġ. MUSCAT-AZZOPARDI, *Ċejlu Tonna*, ġrajja ta' Malta fi żmien l-Assedju l-Kbir; faċċ 58, Port Said, 1938.

Kien mitbugħ l-ewwel darba fis-sena 1886, u bosta drabi wara. Iżda "ix-Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti" tal-Eġittu qiegħda tagħmel xi ħaġa iżjed milli terġa' toħroġ dan u rumanzi oħra tas-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi. Tatu libsa xierqa ta' karta u ta' stampa, u biddlet l-ortografija skond it-tagħlim tal-Gvern. U hekk dan ir-rumanz u *Ċensu Barbara* li ħareġ qablu mhux biss jaqalgħu barra dawk l-edizzjonijiet irħas u koroh li bihom wieħed ikollu jitqanna' meta ma jsibx aħjar, imma jistgħu jiġru f'idejn kullħadd bla ebda tfixkil fit-tagħlim. Nagħmlulhom il-qalb lil ħutna tal-Eġittu billi nixtru dan ir-rumanz, biex huma jibqgħu jaħdmu u jagħtuna rumanzi oħra tas-Sur Ġużè mlibbsin bl-istess libsa.

KELINU VELLA HABER, *Is-Santwarju tal-Qâla u r-Raheb Qaddis Sirrew*, faċċ. 39, Ebejer Press, 1938.

F'dan il-ktejjeb huma midmumin xi tifkiriet tar-Raheb Sirrew fil-knisja tal-Qâla f'Għawdex. Ma noqogħdux niżnu waħda, waħda t-tifkiriet li jsemmi l-kittieb, biss inwissuh biex ma jittarrafx fit-triq wegħrija ta' nisel il-kliem. Nixtiequ li l-kitba 'l hawn u 'l hemm kienet ftit aktar mirquma.

# *Lehen il-Malti (Università)*

## *KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM*

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d.* IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Ż-ZGHAR

### KONDIZZJONIJIET

Kull imsieheb li ma jġeddedx it-tishib sa wara ghadd li jkun wasallu mhux imhallas, ismu jithassar mill-kotba taghna.

Kull kitba li tinbaghat ma titreġġax lura u lanqas ma jinghataw fehmiet privati bil-miktub dwar xoghlijiet letterarji mibghuta.

Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u ghalhekk il-kitba ta' dawn tiehu l-ewwel post.

Il-kitba ta' barranin li ma tlahhaqx sa fejn jitlob il-ġurnal tithalla barra minghajr ma tinaghta l-ebda raġuni

Il-kitba ta' nies mhux maghrufa jew imharrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.

Kittieba barranin m'ghandhomx jibghatu kitba li tiehu iżjed minn tliet faċċati.

Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi haġa iżjed minn Malti safi—sengha u koltura.

Meta kitba tidher fuq isem b'iehor l editur ghandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.

Lehen il-Malti jiżżi hajr lill-hbieb kollha li jxerrduh fost dawk li ghad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jghinuna nkabbru l-ghadd ta' l-imsehbin.

Ittri u kitba letterarja ghandhom jinbaghtu :

EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)
Empire Press, 266, Triq San Pawl,
Il-Belt.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena.
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.

Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta
A. C. AQUILINA & Co.
58D Triq Irjali, Il-Belt.